**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 94/2018**

***EDOARDO PAGANI***

***VS.***

***SADEEN EDUCATION INVESTMENT LIMITED U INĠ. RAIED EBAID***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar: (i) it-talbiet magħmula minn Edoardo Pagani sabiex huwa jitħallas mingħand il-konvenuti għad-danni li huwa jgħid li ġarrab minħabba l-imġiba tagħhom lejh u għall-pagi u benefiċċji li huwa jgħid li huma dovuti lilu mingħandhom; u (ii) dwar il-kontro-talba ta' Sadeen Education Investment Limited sabiex hija titħallas għad-danni mingħand l-attur għaliex skontha huwa naqas milli jħares l-obbligi tal-kuntratt tax-xogħol tiegħu u kif ukoll għaliex huwa kien negliġenti fit-twettiq tad-dmirijiet tax-xogħol tiegħu;

## *Daħla*

2. B'rikors maħluf imressaq fil-**5 ta' Frar, 2018**, Edoardo Pagani fisser li b'kuntratt tal-21 ta' Awwissu, 2016 huwa ġie impjegat ma' Sadeen Education Investment Limited bħala *Deputy Project Manager* għall-proġett tal-Università Amerikana ta' Malta għaż-żmien

definit ta' sitt xhur, b'effett mill-1 ta' Settembru, 2016, liema perijodu ta' żmien ġie mtawwal b'sitt xhur oħra sal-31 ta' Awwissu, 2017. Kompla jispjega li għall-ħabta tal-bidu ta' Mejju, 2017 il-kumpannija konvenuta impjegat lill-konvenut l-ieħor, Raied Ebaid, bħala *Project Manager* tal-Università Amerikana ta' Malta. Skont l-attur, fuq medda ta' sebat ijiem, il-konvenut Raied Ebaid ħareġ fil-konfront tiegħu tliet twissijiet, fejn: (i) ġie allegat li l-attur kien approva ħlas lill-kuntrattur għal xibka tal-ħadid li eventwalment ma kinitx ġiet użata fuq parir tal-perit tal-proġett; (ii) l-attur ġie mgħarraf li kien qiegħed jiġi sospiż mill-impjieg tiegħu; u (iii) l-attur ġie mixli li fost l-oħrajn huwa kien naqas milli javża lit-tmexxija tal-kumpannija konvenuta dwar it-tibdil fix-xogħlijiet;

3. L-attur saħaq illi l-imġiba u l-allegazzjonijiet mingħajr bażi tal-konvenuti kissruh psikoloġikament u moralment, u kkawżawlu ħsara kbira fuq is-saħħa tiegħu tant li huwa spiċċa daħal f'dipressjoni, hekk kif ġie ċċertifikat mill-piskjatra Dr. Ethel Feliċe. Qal li minħabba f'hekk huwa ma kienx f'qagħda li jidħol lura għax-xogħol;

4. L-attur żied jgħid li l-kumpannija konvenuta naqset milli tħallsu wkoll il-paga u l-benefiċċji l-oħra relatati mal-impjieg tiegħu u barra minn hekk hija ma kinitx koprietu b'polza ta' assikurazzjoni għal saħħtu minkejja li kienet intrabtet li tagħmel dan fil-kuntratt tal-impjieg tiegħu. Tenna li għalkemm il-konvenuti ġew imsejħa biex iħallsuh għad-danni li ġarrab, dawn baqgħu ma tawhx widen;

5. Għalhekk huwa kellu jiftaħ din il-kawża fejn talab lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjarahom jew min minnhom responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attur minħabba l-imġiba tagħhom versu l-attur, bil-konsegwenza li l-attur kien kostrett joħroġ bis-sick għaliex tkisser psikoloġikament u moralment, b'riżultat li kellu jieħu kura għal saħħtu u ma setax jirrapporta għax-xogħol;*
>
> *2. Tillikwida d-danni sofferti, li qed isofri u li jista' jkompli jsofri fil-futur l-attur kif fuq imsemmi u jekk huwa meħtieġ anke bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *3. Tikkonferma li l-konvenuti jew min minnhom obbligati jħallsu pagi, salarji u benefiċċji dovuti lill-esponenti;*

*4. Tillikwida l-ammont dovut ta' pagi u benefiċċji oħra dovuti lill-esponenti ai termini tal-istess kuntratt ta' impjieg;*

*5. Tordna li l-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-attur l-pagi tax-xhur ta' Mejju u Ġunju 2017 in parti, Lulju u Awwissu 2017 fl-intier tagħhom, kif ukoll għall-benefiċċji kollha imsemmija fil-kuntratt ta' impjieg datat 21 tal Awwissu 2016 u l-kuntratt sussegwenti;*

*6. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-attur l-ammonti fid-danni hekk likwidati kif ukoll il-pagi u benefiċċji dovuti lill-attur ai termini tal-kuntratti surreferiti;*

*7. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta naqset mill-obbligi tagħha meta hija naqset li tipprovdi health insurance coverage lill-attur;*

*8. Tillikwida u tordna lill-konvenuti iħallsuh kull u kwalunkwe ammont ġa mħallas mill-attur għal visti għand il-psikjatra kif ukoll xiri ta' mediċina;*

*9. Tillikwida d-danni morali li sofra, li qed isofri u li jista' jsofri l-attur kif fuq imsemmi bl-opera ta' periti nominandi;*

*10. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu kumpens kif hekk likwidat għal danni morali li ġarrab, qiegħed iġarrab u li jista' jġarrab l-attur minħabba l-aġir abbużiv u illegali tal-konvenuti jew min minnhom;*

*11. Tordna li l-ħlasijiet hekk ordnati minn din l-Onorabbli Qorti pagabbli mill-konvenuti jew min minnhom favur l-attur, għandhom jitħallsu fi żmien stabbilit mill-istess Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-protest ġudizzjarju u tal-ittra ġudizzjarja u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti jew min minnhom.»*

6. L-inġinier Raied Ebaid ippreżenta t-tweġiba maħlufa tiegħu fil-**5 ta' Marzu, 2018**, u fiha huwa ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*« Illi preliminarjament, l-esponenti Inġ. Raied Ebaid għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi, fl-interazzjonijiet illi l-istess esponenti kellu mal-attur Edoardo Pagani, huwa dejjem aġixxa għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija intimata Sadeen Education Investment Limited, li magħha huwa impjegat bħala Project Manager, u mhux fil-vesti personali tiegħu. F'dan ir-rigward, l-esponenti jikkonferma illi t-twissijiet maħruġa mill-istess esponenti kienu hekk maħruġa għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija intimata, liema twissijiet inħarġu bl-approvazzjoni u l-kunsens tal-kumpannija intimata;*

*2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-attur, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*i. Illi preliminarjament, l-esponenti jissottometti illi t-twissijiet maħruġin mingħandu fil-kapaċità tiegħu ta' Project Manager tal-kumpannija intimata Sadeen Education Investment Limited u li jinsabu annessi mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkati bħala Dok. D, Dok. E, u Dok. F rispettivament, inħarġu wara li ġew identifikati nuqqasijiet u negliġenzi da parti tal-attur fil-kapaċità tiegħu bħala Deputy Project Manager tal-kumpannija esponenti. Dan primarjament għaliex l-attur mhux talli naqas milli jivverifika li x-xogħlijiet kienu qegħdin isiru kif suppost, kif kien id-dover tiegħu illi jagħmel, talli addirittura approva l-ħlas ta' xibka li fil-fatt ma ġietx ikkunsinjata lill-kumpannija esponenti u ma ġietx impoġġija fejn kellha titpoġġa, bil-konsegwenza illi ġie mqiegħed il-konkos mingħajr ma kien hemm ix-xibka. Dan l-aġir jikkostitwixxi nuqqas u negliġenza kbira da parti tal-attur liema aġir mhux biss imur kontra l-obbligi tiegħu ai termini tal-kuntratt ta' impieg viġenti bejn il-partijiet, liema kuntratt ġie anness mar-rikors ġuramentat u mmarkat bħala Dok. A, iżda anki kkawża danni lill-kumpannija intimata;*

*ii. Illi minkejja li l-attur baqa' jiċħad il-kontenut tat-twissijiet mogħtija lilu mill-kumpannlja intimata, wara li l-kumpannija intimata għamlet il-verifiki tagħha u investigat dawn in-nuqqasijiet (vide Dok. E u Dok. F annessi mar-rikors ġuramentat), il-kumpannija esponenti kkonfermat in-nuqqasijiet u n-negliġenzi inizjalment identifikati mill-esponenti;*

*iii. Illi filwaqt li l-esponenti jissimpatizza mal-attur fir-rigward ta' kwalsiasi problemi ta' saħħa li jista' jkollu, l-istess esponenti jissottometti illi, jekk hu minnu li l-attur qiegħed isofri mill-kundizzjoni li qiegħed jallega li qiegħed isofri, ċertament illi dan mhuwiex attribwibbli għal xi aġir da parti tal-esponenti, tal-kumpannija intimata jew ta' xi impjegat jew rappreżentant tal-istess kumpannija intimata;*

*iv. Illi konsegwentement, l-esponenti mhuwiex responsabbli għal ebda danni, sia reali u kif ukoll morali, allegatament sofferti mill-attur;*

*v. Illi għalhekk, b'referenza għat-talbiet magħmula mill-attur, l-esponenti jissottometti illi:*

> *i. mhux minnu li l-esponenti kkawża xi danni versu l-attur u konsegwentement ma huwa responsabbli għall-ebda danni li l-attur qiegħed jippretendi permezz tal-kawża odjerna;*
>
> *ii. lanqas m'huwa minnu li l-attur sofra xi danni morali a kaġun tal-imġiba tal-esponenti;*

*iii. fir-rigward tat-talbiet l-oħra, dawn huma indirizzati lejn il-kumpannija intimata b'dan illi l-esponenti ma jista' qatt ikun responsabbli għall-istess;*

*vi. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, kemm-il darba jirriżulta illi l-attur sofra xi danni l-esponenti ma għandux jinsab responsabbli għal tali danni;*

*vii. Illi għaldaqstant l-attur m'hu intitolat għall-ebda ħlas u/jew kumpens mill-esponenti;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn imsemmija u hekk kif ser jirriżulta mill-provi li ser jiġu prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri odjerni, dina l-Onorabbli Qorti għandha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment illi jidhrilha xieraq u/jew opportun, tiċħad it-talbiet tal-attur fl-intier tagħhom;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-liġi;*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-kontro-protest ġudizzjarju, kontra l-attur illi minn issa huwa inġunt in subizzjoni.»*

7. Fl-istess ġurnata, jiġifieri fil-**<u>5 ta' Marzu, 2018</u>**, il-kumpannija konvenuta Sadeen Education Investment Limited ukoll ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha fejn hija tat dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. It-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tal-kumpannija esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-attur, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*i. Illi preliminarjament, l-esponenti tissottometti illi t-twissijiet maħruġin mill-Inġinier Raied Ebaid fil-kapaċità tiegħu ta' Project Manager tal-kumpannija esponenti u li jinsabu annessi mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkati bħala Dok. D, Dok. E, u Dok. F rispettivament, inħarġu wara li ġew identifikati nuqqasijiet u negliġenzi da parti tal-attur fil-kapaċità tiegħu bħala Deputy Project Manager tal-kumpannija esponenti. Dan primarjament għaliex l-attur mhux talli naqas milli jivverifika li x-xogħlijiet kienu qegħdin isiru kif suppost, kif kien id-dover tiegħu illi jagħmel, talli addirittura approva l-ħlas ta' xibka li fil-fatt ma ġietx ikkunsinnjata lill-kumpannija esponenti u ma ġietx impoġġija fejn kellha titpoġġa, bil-konsegwenza illi ġie mqiegħed il-konkos mingħajr ma kien hemm ix-xibka. Dan l-aġir jikkostitwixxi nuqqas u negliġenza kbira da parti tal-attur liema aġir mhux biss imur kontra l-obbligi tiegħu ai termini tal-kuntratt ta' impieg viġenti bejn il-partljiet liema kuntratt ġie*

*anness mar-rikors ġuramentat u mmarkat bħala Dok. A, iżda anki kkawża danni lill-kumpannija esponenti;*

*ii. Illi minkejja li l-attur baqa' jiċħad il-kontenut tat-twissijiet mogħtija lilu mill-kumpannija esponenti, wara li l-kumpannija esponenti għamlet il-verifiki tagħha u investigat dawn in-nuqqasijiet (vide Dok. E u Dok. F annessi mar-rikors ġuramentat), il-kumpannija esponenti kkonfermat in-nuqqasijiet u negliġenzi inizjalment identifikati mill-Inġ. Raied Ebaid;*

*iii. Illi filwaqt li l-kumpannija esponenti tissimpatizza mall-attur fir-rigward ta' kwalsiasi problemi ta' saħħa li jista' jkollu, l-istess kumpannija tissottmetti illi, jekk hu minnu li l-attur qiegħed isofri mill-kundizzjoni li qiegħed jallega li qiegħed isofri, ċertament illi dan mhuwiex attribwibbli għal xi aġir da parti tal-kumpannija esponenti jew ta' xi impjegat jew rappreżentant tagħha;*

*iv. Illi konsegwentement, il-kumpannija esponenti mhijiex responsabbli għal ebda danni, sia reali u kif ukoll morali, allegatament sofferti mill-attur;*

*v. Illi għal kull buon fini, il-kumpannija esponenti tissottometti illi prinċipal f'relazzjoni ta' impieg għandu r-responsabbilità li jassikura li l-impjegati tiegħu qed jaqdu d-doveri tagħhom skont in-natura tal-kariga tagħhom u konsegwentement, fejn jirriżulta illi xi impjegat ma jkunx eżegwixxa l-inkarigu tiegħu skont dak rikjest minnu, l-istess prinċipal għandu jiġbed l-attenzjoni ta' tali impjegat u, skont il-gravità tal-każ, għandu jieħu dawk il-passi dixxiplinari adegwati. Dan huwa eżattament dak illi ġara fil-każ odjern;*

*vi. Illi l-argumenti kollha mressqa mill-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu huma għalkollox redikoli. L-attur donnu qiegħed jippretendi illi l-kumpannija attriċi ma setgħetx twiddbu tali kien naqas milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu u f'dan ir-rigward, huwa pertinenti illi jiġi nnotat illi l-attur imkien ma jipprova jiġġustifika n-nuqqasijiet u negliġenzi tiegħu waqt il-qadi ta' dmirijietu;*

*vii. Illi b'referenza għall-paragrafu numru tlettax (13) tar-rikors ġuramentat, filwaqt illi huwa fi ħdan id-drittijiet tal-kumpannija esponenti skont il-kuntratt ta' impjieg tibgħatx tabib jew professjonista ieħor sabiex jivverifikaw l-istat ta' saħħa tal-attur, il-kumpannija esponenti ma ħassitx il-ħtieġa illi tibgħat xi tabib ieħor u straħet fuq iċ-ċertifikati provduti mill-istess attur;*

*viii. Illi b'referenza għall-allegazzjoni tal-attur illi l-kumpannija esponenti naqset milli tivversa xi ħlasijiet dovuti lill-attur, il-kumpannija esponenti tiċħad bħala infondata fil-fatt u fid-dritt illi hija b'xi mod naqset minn xi obbligi ta' pagament versu l-istess attur u huwa l-istess attur li għandu*

*jindika u jġib prova ta' liema pagamenti allegatament dovuti lilu skont il-liġi ma ġewx imħallsa;*

*ix. Illi b'referenza għall-paragrafi numru sbatax (17) u tmintax (18) tar-rikors ġuramentat, il-kumpannija esponenti tirrileva illi, kif ikkwota l-attur stess fir-rikors tiegħu, «The Employee shall also be entitled to benefit from health insurance coverage in line with the Employer's internal policies in this regard.» F'dan ir-rigward, il-kumpannija esponenti tirrileva illi sakemm dam impjegat magħha l-attur, il-kumpannija esponenti ma kellha l-ebda internal policy li tipprovdi għall-assikurazzjoni tas-saħħa b'dan illi ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni da parti tal-kumpannija esponenti tal-klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' impieg;*

*x. Illi għalhekk, b'referenza għat-talbiet magħmula mill-attur, il-kumpannija esponenti tissottometti illi:*

> *i. mhux minnu li l-kumpannija esponenti kkawżat xi danni versu l-attur u konsegwentement ma hija responsabbli għall-ebda danni li l-attur qiegħed jippretendi permezz tal-kawża odjerna;*
>
> *ii. mhux minnu wkoll li l-kumpannija esponenti għandha tħallas xi pagamenti lill-attur;*
>
> *iii. lanqas m'huwa minnu li l-kumpannija esponenti naqset mill-obbligu tagħha li tipprovdi health insurance coverage;*
>
> *iv. lanqas m'huwa minnu wkoll li l-attur sofra xi danni morali a kaġun tal-imġiba tal-kumpannija esponenti;*

*xi. Illi mingħajr pregudizzju għal-premess, kemm-il darba jirriżulta illi l-attur sofra xi danni, il-kumpannija esponenti ma għandhiex tinstab responsabbli għal tali danni;*

*xii. Illi għaldaqstant l-attur m'hu intitolat għall-ebda ħlas u/jew kumpens mill-kumpannija esponenti;*

*xiii. Illi mhux talli l-kumpannija esponenti m'hija responabbli għal ebda danni li l-attur allegatament sofra, talli l-attur għandu jinżamm responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-kumpannija esponenti a kaġun tan-nuqqasjiet u negliġenza tal-attur, u f'dan ir-rigward, il-kumpannja esponenti qiegħda tippreżenta rikonvenzjoni (kontro-talba) kontestwalment mal-preżentata ta' din ir-risposta ġuramentata.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn imsemmija u hekk kif ser jirriżulta mill-provi li ser jiġu prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri odjerni, dina l-Onorabbli Qorti għandha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew*

*provvediment illi jidhrilha xieraq u/jew opportun, tiċħad it-talbiet tal-attur fl-intier tagħhom.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-liġi;*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-kontro-protest ġudizzjarju, kontra l-attur illi minn issa huwa nġunt in subizzjoni.»*

8. Flimkien mat-tweġiba maħlufa tagħha, il-kumpannija Sadeen Education Investment Limited ressqet ukoll **kontro-talba** fejn fiha hija fissret li hija kienet impjegat lil Edoardo Pagani bħala *Deputy Project Manager* għal żmien definit. Dan tal-aħħar kien jirrapporta lil Dr Ahmad Salah, li kien il-*Project Manager* maħtur mill-kumpannija biex isegwi l-proġett tal-Università Amerikana ta' Malta. Peress li Ahmad Salah ma kienx ibbażat f'Malta, meta l-proġett wasal fi stadju avvanzat, inħasset il-ħtieġa li jiġi maħtur *Project Manger* għal fuq is-sit. Għal dan il-għan inħatar l-inġinier Raied Ebaid;

9. Skont il-kumpannija konvenuta, malli Edoardo Pagani sar jaf li huwa kien sejjer ikollu jibda jirrapporta lill-inġinier Ebaid, dan beda juri reżistenza u jipprotesta għall-ħtieġa li jirrapporta lill-istess għaliex daħħalha f'rasu li dan kien ġie maħtur biex jeħodlu postu. Kompliet tgħid li ftit wara li l-inġinier Ebaid beda jaqdi dmirijietu bħala *Project Manager*, huwa għaraf numru ta' nuqqasijiet serji fil-mod ta' kif Edoardo Pagani kien qiegħed jaqdi d-dmirijiet tiegħu. Kien għalhekk li nħarġet twissija fuq l-attur u kif ukoll saret investigazzjoni dwar xogħlu, li matulha huwa ġie sospiż. Il-kumpannija konvenuta tenniet li minn din l-investigazzjoni rriżulta li n-nuqqasijiet u n-negliġenza tal-attur kienu ta' natura gravi u serji biżżejjed sabiex jiġġustifikaw il-waqfien tal-impjieg tal-attur iżda l-istess kumpannija għażlet li tagħtih l-aħħar ċans u filwaqt li ħarġitlu twissija tal-aħħar, hija talbitu li jerġa' jidħol lura għax-xogħol;

10. Madankollu, skont il-kumpannija konvenuta l-attur baqa' ma reġax daħal lura għax-xogħol minħabba l-allegata kundizzjoni psikoloġika tiegħu. Il-kumpannija konvenuta saħqet li minħabba n-nuqqasijiet tal-attur li jwettaq xogħlu b'manjiera repsonsabbli u bl-għaqal, hija spiċċat biex batiet id-danni. Qalet ukoll li l-attur kiser numru ta' klawsoli li jinsabu fil-kuntratt tal-impjieg tiegħu. Għalhekk hija talbet lil din il-qorti:

*«1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikonvenzjonat kien negliġenti fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu skont il-kuntratt ta' impieg tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu, 2016;*

*2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-kumpannija rikonvenzjonanti bħala konsegwenza tan-negliġenza tar-rikonvenzjonat;*

*3. Tordna lir-rikonvenzjonat iħallas lill-kumpannija rikonvenzjonanti l-ammont hekk likwidat;*

*4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikonvenzjonat naqas milli jonora l-obbligazzjonijiet kuntrattwali emanenti mill-kuntratt ta' impieg tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu, 2016, senjatament iżda mhux limitatament klawsoli numru 1.8 u 3.3;*

*5. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-kumpannija rikonvenzjonanti bħala konsegwenza tal-ksur tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali emanenti mill-kuntratt ta' impieg tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu, 2016, senjatament iżda mhux limitatament klawsoli numru 1.8 u 3.3;*

*6. Tordna lir-rikonvenzjonat iħallas lill-kumpannija rikonvenzjonanti l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra r-rikonvenzjonat li minn issa qed jiġi inġunt in subizzjoni.»*

11. Fil-**<u>23 ta' Marzu, 2018</u>**, Edoardo Pagani ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu għall-kontro-talba ta' Sadeen Education Investment Limited fejn huwa qajjem dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti rikonvenzjonant jeċċepixxi n-nullità tal-kontro-talba stante li l-kumpannija intimata nomine naqset milli tikkonferma liema fatti hija taf bihom personalment ai termini tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi ulterjorment u b'mod preliminari, lanqas ma ġiet iddikjarata r-raġuni tat-talba ai termini tal-Artikolu 156(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid jiġi ppruvat li Dr Louai Aziz Michael Al-Twal huwa awtorizzat sabiex jidher għan-nom tal-kumpannija Sadeen Education Investment Limited;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu jingħad li l-kontro-talba mressqa mill-kumpannija Sadeen Education Investment Limited hija kompletament infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;*

*5. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonant kategorikament jiċħad dak allegat fir-raba' (4) u ħames (5) paragrafu tal-kontro-talba kif ukoll dak allegat fit-tmien (8) paragrafu filwaqt li jirrileva li f'perijodu qasir ħafna, inħarġu proprju tliet (3) warnings, senjatament, 'Notice of Warning' datata 15 ta' Mejju 2017, 'Suspension of Work Notice' datata 17 ta' Mejju, 2017, u 'Final Warning' datata 22 ta' Mejju, 2017. Ir-rikorrenti ġie sospiż mix-xogħol mat-tieni (2) warning meta fis-17 ta' Mejju, 2017 l-attur ġie mitlub jagħti hand over, liema hand over saret fit-18 ta' Mejju, 2017 u kienet tikkonsisti fir-ritorn ta' kull ħaġa li huwa kien jaħdem biha inkluż il-mobile tal-kumpannija, laptop u ċwievet tal-uffiċċju u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

*6. Illi in oltre b'referenza għall-investigazzjoni, ir-rikorrenti rikonvenzjonant jirrileva li n-nuqqasijiet kollha indikati fl-investigazzjoni kollha ġew imxejna bi spjegazzjonjiet dettaljati u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

*7. Illi lanqas ma huwa minnu dak allegat fit-tlettax (13)-il paragrafu u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

*8. Illi fil-mertu wkoll, jingħad li dak allegat dwar negliġenza mhuwiex minnu kif lanqas ma huwa minnu illi r-rikorrenti kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt;*

*9. Illi għalhekk, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet tas-soċjetà Sadeen Education Investment Limited.*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż tal-preżenti kontra Sadeen Education Investment Limited.»*

12. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tat-**<u>28 ta' Jannar, 2021</u>**;

13. Edoardo Pagani ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub fit-30 ta' Marzu, 2022 (ara paġni 603 sa 647 tal-atti tal-kawża), filwaqt li l-konvenuti Sadeen Education Investment Limited u Raied Ebaid ressqu s-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom fl-20 ta' Ġunju, 2022 (ara paġni 651 sa 692 tal-atti tal-kawża);

14. Inżammet seduta fit-8 ta' Lulju, 2022 biex il-partijiet jagħmlu l-aħħar sottomissjonijiet tagħhom bil-fomm u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza;

***Fatti***

15. B'kuntratt tal-21 ta' Awwissu 2016, Sadeen Education Investment Limited impjegat lil Edoardo Pagani bħala *Deputy Project Manager* għal żmien sitt xhur b'effett mill-1 ta' Settembru, 2016, sabiex huwa jieħu ħsieb il-proġett tal-Università Amerikana ta' Malta (ara l-kuntratt f'paġni 220 sa 235 tal-atti tal-kawża). Dan il-kuntratt ġie mtawwal għal sitt xhur oħra sal-1 ta' Awwissu, 2017, b'kuntratt ieħor tas-6 ta' Frar, 2017 (ara paġna 236 tal-atti tal-kawża). F'dan l-aħħar kuntratt ġie miżjud il-benefiċċju tal-kera tal-attur, filwaqt li l-kumpannija konvenuta ntrabtet ukoll li tkopri lill-attur b'polza ta' assikurazzjoni għal saħħtu, skont ma jipprovdu l-politiki interni tal-istess kumpannija;

16. F'April 2017, il-kumpannija konvenuta impjegat lill-Inġinier Raied Ebaid bħala l-*Project Manager* li kellu wkoll jindokra l-proġett tal-Università Amerikana ta' Malta. Dan wasal Malta għall-bidu ta' Mejju 2017 (ara l-affidavit tiegħu f'paġna 205 tal-atti tal-kawża). Ftit taż-żmien wara li beda xogħlu f'Malta, Raied Ebaid intebaħ li x-xogħlijiet marbuta mal-proġett ma kinux qegħdin isiru skont is-sengħa u l-arti u li l-kwalità tal-materjal li kien qiegħed jintuża kienet waħda inferjuri;

17. B'mod partikolari, Raied Ebaid irriżultalu li Edoardo Pagani kien negliġenti f'ħidmitu għaliex huwa approva l-ħlas ta' xibka li ma ġietx ikkunsinnjata lill-kumpannija konvenuta skont ma kien ġie indikat fil-*Bill of Quantities*, bil-konsegwenza illi ġie mqiegħed il-konkos mingħajr ma kien hemm ix-xibka. Din l-approvazzjoni kienet saret mingħajr ma ġiet infurmata t-tmexxija tal-kumpannija konvenuta. B'hekk, fit-8 ta' Mejju, 2017, Raied Ebaid bagħat ittra elettronika lir-rappreżentanti tal-kumpannija konvenuta sabiex jgħarrafhom b'dak li kien sab (ara l-ittra elettronika f'paġna 266 tal-atti tal-kawża);

18. Fid-dawl ta’ dan, il-kumpannija konvenuta tat direzzjoni lill-inġinier Raied Ebaid sabiex jibgħat tliet twissijiet: (i) waħda lil konsulent tagħha, *viz*. Edwin Mintoff Architects; (ii) waħda lill-kuntrattur, *viz*. Tal-Magħtab Construction Company Limited; u (iii) waħda lil Edoardo Pagani (ara l-ittra elettronika tal-11 ta’ Mejju, 2017 li tinsab f’paġna 273 tal-atti tal-kawża). Dawn it-twissijiet intbagħtu fit-13 u fil-15 ta’ Mejju, 2017 (ara t-twissijiet f’paġni 276, 279 u 280 tal-atti tal-kawża);

19. Edoardo Pagani wieġeb lura għal din it-twissija b’ittra elettronika tas-16 ta’ Mejju, 2017 (ara paġna 307 tal-atti tal-kawża). Madankollu, il-kumpannija konvenuta ma kinitx sodisfatta bit-tweġibiet tiegħu u peress li hija dehrilha li l-kwistjoni kienet waħda serja, fis-17 ta’ Mejju, 2017, hija ddeċidiet li tissospendih minn xogħlu u taħtar kumitat biex jinvestigah (ara paġna 317 tal-atti tal-kawża);

20. Wara li l-kumitat hawn fuq imsemmi ltaqa’ biex jiddiskuti l-imġiba u l-ħidma ta’ Edoardo Pagani, dan ikkonferma s-sejbiet tal-inġinier Raied Ebaid (ara l-affidavit ta’ Louai Al Twal f’paġna 341 tal-atti tal-kawża). Għalhekk, fit-22 ta’ Mejju, 2017, il-kumpannija konvenuta tat lil Edoardo Pagani twissija tal-aħħar fejn huwa ġie msejjaħ biex ma jerġax jirrepeti l-imġiba tiegħu u ntalab jerġa’ lura għax-xogħol mill-għada (ara t-twissija finali f’paġni 318 u 319 tal-atti tal-kawża);

21. Madankollu, Edoardo Pagani ma reġax daħal lura għax-xogħol għaliex huwa kien waqa’ f’dipressjoni (ara ċ-ċertifikati mediċi li jinsabu f’paġni 30 sa 44 tal-atti tal-kawża u ċ-ċertifikati tal-psikjatra Dr. Ethel Feliċe f’paġni 45 sa 49 tal-atti tal-kawża);

22. Imbagħad, fil-31 ta’ Awwissu, 2017, l-impjieg ta’ Edoardo Pagani ġie mitmum għaliex għaddew is-sitt xhur imsemmija fil-kuntratt tas-6 ta’ Frar, 2017;

***Konsiderazzjonijiet***

23. Din hija kawża fejn Edoardo Pagani qiegħed ifittex lill-kumpannija Sadeen Education Investment Limited u lill-inġinier Raied Ebaid għad-danni li huwa qiegħed jgħid li ġarrab

minħabba l-għemejjel tagħhom, fosthom it-twissijiet li ħarġulu li skontu kienu bla sies. Jgħid li minħabba l-imġiba tagħhom huwa marad u waqa' f'dipressjoni u b'hekk baqa' jbati danni materjali u kif ukoll morali. Minbarra dan, Edoardi Pagani jgħid li l-kumpannija konvenuta għadha trid tħallsu numru ta' pagi u benefiċċji; u trid ukoll tħallsu tal-ispejjeż u l-mediċini li nefaq biex tarah psikjatra għaliex l-istess kumpannija naqset milli tkoprih b'polza ta' assikurazzjoni għal saħħtu skont kif jgħid il-kuntratt tal-impjieg tiegħu;

24. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti jiċħdu li t-twissijiet li huma taw lill-attur Pagani kienu bla sies. Mod ieħor, huma jisħqu li t-twissijiet inkwistjoni nħarġu għaliex l-attur kien negliġenti f'xogħlu u naqas li jħares l-obbligazzjonijiet tiegħu skont il-kuntratt li bih huwa ġie impjegat mal-kumpannija konvenuta, tant li minħabba l-aġir tal-attur, il-kumpannija konvenuta spiċċat biex ġarrbet id-danni. Minħabba f'hekk, il-kumpannija konvenuta tisħaq li huwa l-attur Edoardo Pagani li għandu jħallasha għad-danni, u mhux bil-kontra. L-istess kumpannija konvenuta żżid tgħid ukoll li mhuwiex minnu li hija għad għandha tħallas xi pagi jew benefiċċji lill-attur, u li sakemm dam impjegat magħha l-attur, hija ma kellha l-ebda politika interna li tipprovdi għal polza ta' assikurazzjoni għas-saħħa tal-impjegati tagħha. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda ksur tal-kuntratt ta' impjieg tal-attur min-naħa tagħha;

25. Peress li f'din il-kawża tressqu numru ta' eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, kemm għat-talbiet ta' Edoardo Pagani, u kif ukoll għall-kontro-talba ta' Sadeen Education Investment Limited, ikun xieraq li l-ewwel jiġu indirizzati dawn l-eċċezzjonijiet qabel il-qorti tisħarreġ il-qalba tat-tilwima ta' bejn il-partijiet;

26. Il-qorti sejra tibda billi tqis l-**<u>ewwel l-eċċezzjoni</u>** tal-inġinier Raied Ebaid għat-talbiet ta' Edoardo Pagani fejn huwa jisħaq li huwa għandu jiġi meħlus mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex fir-relazzjoni li huwa kellu mal-attur, huwa aġixxa dejjem f'isem il-kumpannija konvenuta Sadeen Education Investment Limited. Huwa jisħaq li meta ħareġ it-twissijiet lill-attur, dawn it-twissijiet inħarġu bi qbil u bil-kunsens tal-kumpannija konvenuta, u għalhekk huwa ma jweġibx għat-talbiet tal-attur;

27. Il-qorti tqis li sabiex jiġi determinat jekk l-inġinier Raied Ebaid huwiex kontradittur leġittimu għat-talbiet ta' Edoardo Pagani, il-prova li kellu jagħmel l-attur hija waħda fuq bażi *prima facie* għaliex id-determinazzjoni ta' min hu kontradittur leġittimu ssir mingħajr preġudizzju għad-determinazzjoni tat-talbiet attriċi fil-meritu (ara ***Charlayne Josephine Mintoff v. Jason George Mintoff et***, Appell Superjuri, 26 ta' Jannar, 2022);

28. Biex tiddeċiedi jekk parti f'kawża hijiex il-kontradittur leġittimu tal-parti l-oħra jew le, il-qorti trid tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, dik il-parti kinitx materjalment parti fil-ġrajjiet li jkunu ħolqu r-rabta ġuridika ta' bejniethom, u li wasslu biex jinħolqu r-rabtiet jew effetti fuq il-parti konvenuta illi kellha twieġeb għalihom. Dan jgħodd kemm f'azzjonijiet mibnija fuq rabtiet kuntrattwali u kif ukoll fuq dawk imsejsa fuq ħtija akwiljana (ara ***Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et v. Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et***, Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 2020);

29. Il-ħtieġa li l-att ġudizzjarju jitressaq kontra l-persuna t-tajba li jmissha twieġeb għall-pretensjonijiet attriċi mhijiex xi kapriċċ maħsub biex joħloq għarbiel artifiċjali, ħalli l-qorti ma tistħarriġx il-meritu tal-każ. Wara kollox, is-sejbien minn qorti li persuna hija kontradittur leġittimu mhijiex lanqas konklużjoni definittiva li tali persuna hija l-ħatja jew li b'hekk stqarret il-ħtija. Hekk ukoll, id-dikjarazzjoni ta' qorti li parti f'kawża tkun kontradittur leġittimu ma tfisser bl-ebda mod li dik il-qorti ma tistax, meta tqis l-eċċezzjonijiet ta' dik il-parti u wara li tkun semgħet it-trattazzjoni tal-każ fil-meritu, aktar 'il quddiem tasal għall-fehma li dik il-parti ma kellha xi twieġeb xejn għall-allegazzjonijiet li saru kontriha mill-parti attriċi (ara ***Frankie Refalo et v. Jason Azzopardi et***, Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001 u ***Graziella Attard et v. Khaled Barkat Zaky Ahmed Abdelrazek et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 29 ta' Marzu, 2017);

30. Fil-każ tagħna l-attur Edoardo Pagani xehed li l-allegazzjonijiet tal-konvenuti dwar ix-xibka tal-ħadid u kif ukoll dwar in-nuqqasijiet fix-xogħol tiegħu, huma għalkollox ħżiena

u qarrieqa (ara l-affidavit ta' Edoardo Pagani f'paġna 99 tal-atti tal-kawża). Minn qari tal-atti joħroġ li kien il-konvenut Raied Abaid li ġibed l-attenzjoni tal-kumpannija konvenuta għall-ewwel darba dwar l-allegati nuqqasijiet li kienu saru minn Edoardo Pagani matul it-twettiq ta' xogħlu (ara l-affidavit ta' Raied Abaid f'paġni 206 u 207 tal-atti tal-kawża, l-affidavit ta' Louai Al Twal f'paġna 337 tal-atti tal-kawża u l-ittri elettronċi misjuba f'paġni 237 sa 241, 245, 247, u 264 sa 272 tal-atti tal-kawża). Il-kumpannija konvenuta kienet imbagħad ħadet il-passi kontra l-attur fuq dak li kien ġie rappurtat lilha minn Raied Ebaid. Kemm hu hekk, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, Edoardo Pagani jisħaq li l-inġinier Raied Ebaid mhux biss kien kompliċi mal-kumpannija konvenuta biex jagħmillu l-ħsara iżda kien ukoll il-protagonist prinċipali li wassal biex il-kumpannija konvenuta tieħu azzjoni kontra l-attur (ara paġna 629 tal-atti tal-kawża);

31. Fuq kollox, li kieku ma kinitx għall-azzjoni meħuda minn Raied Ebaid, il-kumpannija ma kinitx sejra tkun taf bl-imġiba tal-attur, u b'hekk ma kinitx sejra toħroġ it-twissijiet kontra tiegħu, li minħabba fihom l-attur allegatament marad u ġarrab id-danni. Għalhekk, darba li l-mertu ta' din il-kawża tnissel minn għemil tal-inġinier Raied Ebaid, din il-qorti tqis li dan kellu sehem mhux żgħir fil-ġrajja li ħolqot ir-rabta ġuridika bejn l-attur u l-konvenuti. Tassew huwa ma jistax jgħid li m'għandux x'jaqsam f'dak li ġara lill-attur billi jisħaq li huwa dejjem aġixxa f'isem il-kumpannija konvenuta, u b'hekk ifarfar ir-responsabbiltà kollha tiegħu għal fuqha. Huwa ċar f'għajnejn din il-qorti, li l-azzjoni li l-attur qiegħed iressaq kontra dan il-konvenut mhijiex waħda mnissla minn rabta kuntrattwali bħala rappreżentant tal-kumpannija konvenuta, iżda l-azzjoni li l-attur qiegħed iressaq kontra dan il-konvenut hija waħda ta' għamla delittwali (*ex delicto*) għaliex skontu dan il-konvenut kien qiegħed ifittex li personalment jagħmillu l-ħsara;

32. B'daqshekk il-qorti mhijiex qiegħda tgħid li Raied Ebaid għandu jinżamm responsabbli għal dak li qiegħed jallega fil-konfront Edoardo Pagani. Dik hija kwistjoni li teħtieġ stħarriġ aktar fil-fond, liema stħarriġ sejjer isir aktar 'il quddiem f'din is-sentenza. Dak li qiegħda tgħid din il-qorti hawnhekk huwa biss li l-konvenut Raied Ebaid ma jistax *a priori* jwaqqaf l-azzjoni, bis-saħħa ta' eċċezzjoni preliminari, għax jgħid li huwa aġixxa f'isem ħaddieħor, ladarba l-azzjoni tal-attur fil-konfront tiegħu hija mibnija fuq

allegazzjoni ta' obbligazzjonijiet *ex delicto*. F'dan l-istadju l-qorti għalhekk ma tistax teħles lill-inġinier Raied Ebaid mill-ħarsien ta' dan il-ġudizzju u għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni ta' Raied Ebaid qiegħda tiġi miċħuda;

33. Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' Edoardo Pagani għall-kontro-talba tal-kumpannija Sadeen Education Investment Limited;

34. Fl-**<u>ewwel eċċezzjoni</u>** tiegħu, Edoardo Pagani jgħid li l-kontro-talba tal-kumpannija konvenuta hija nulla għaliex hija naqset milli tiddikjara li hija taf personalment il-fatti li wassluha biex tressaq il-kontro-talba tagħha, skont ma jitlob l-**artikolu 156(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, filwaqt li fit-tieni eċċezzjoni tiegħu Edoardo Pagani jisħaq li l-kumpannija konvenuta ma ddikjaratx x'inhuma r-raġunijiet għat-talbiet tagħha, skont ma hemm iniżżel fl-**artikolu 156(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

35. Minn qari tal-kontro-talba mressaq minn Sadeen Edcuation Investment Limited, il-qorti jirriżultalha li huwa minnu li din ma ddikjaratx li hija taf personalment il-fatti tal-kawża, iżda, Louai Al Twal kkonferma dak kollu li kien qiegħed jingħad fiha bil-ġurament tiegħu;

36. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li n-nullità tal-atti għandha titqies dejjem bħala l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. Att ġudizzjarju għandu jitqies null biss għal raġunijiet gravi u serji fil-limiti tad-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u b'effiċjenza, b'ekonomija u b'ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u mhumiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil xi waħda mill-partijiet f'kawża mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarità li l-liġi trid li tkun "essenzjali" f'att ġudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u irrimedjabilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi proċedurali hawn imsemmija (ara ***Diane Vella et v. Medserv Operations Limited***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 31 ta' Ottubru, 2008 u ***Peter Paul Ellul Sullivan et v. Gap Developments plc***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Marzu, 2019);

37. Huwa minnu li bħala prinċipju ġenerali huwa mistenni li l-att li bih tinfetaħ kawża għandu kemm jista' jkun isegwi l-formalitajiet mitluba mil-liġi u jkun imfisser ċar f'kull aspett tiegħu. Minkejja dan, mhux kull nuqqas imsemmi mil-liġi iwassal għan-nullità ta' dak l-att. Skont l-**artikolu 789(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, biex l-att jiġi attakkat b'nullità, dan jeħtieġ li jkun ħoloq preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat (ara ***Michael Angelo Żammit et nomine v. Felix Xiberras et***, Appell Inferjuri, 7 ta' Lulju, 2005). Fi kliem ieħor, skont il-liġi, biex eċċezzjoni ta' nullità tista' tintlaqa', il-parti mħarrka trid turi li minħabba n-nuqqas ta' ħarsien ta' dik il-ħtieġa formali, hija ġarrbet ħsara tant kbira li din ma tistax titranġa ħlief bit-tħassir tal-att ġudizzjarju. Mingħajr wisq tidwir fid-diskors, il-qorti tqis li f'dan il-każ Pagani ma weriex xi preġudizzju seta' ġarrab fid-difiża tiegħu, minħabba l-fatt li min ħalef il-kontro-talba ma ddikjarax li jaf il-fatti b'mod personali. Għalhekk la Pagani ma wera l-ebda preġudizzju għad-difiża tiegħu għall-kontro-talba, din il-qorti m'għandhiex problema illi twarrab din l-ewwel eċċezzjoni bħala waħda li ma jistħoqqilhiex li tintlaqa';

38. Dwar it-**<u>tieni eċċezzjoni</u>** l-qorti tqis li mhuwiex minnu li l-kumpannija konvenuta ma tatx ir-raġunijiet għat-talbiet tagħha fil-kontro-talba li hija ressqet. Minn qari tal-kontro-talba huwa ċar li hija ressqet il-kontro-talba tagħha għaliex hija qiegħda tgħid li ġarrbet id-danni minħabba n-nuqqas ta' Edoardo Pagani li jwettaq xogħlu b'manjiera responsabbli u bl-għaqal, u kif ukoll minħabba li huwa kiser l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt ta' impjieg li huwa kellu magħha. Għaldaqstant, ma jidher li hemm l-ebda nuqqas mill-kumpannija konvenuta f'dan ir-rigward;

39. Fuq kollox, jidher li Edoardo Pagani fehem biżżejjed x'qiegħed jingħad fil-kontro-talba tal-kumpannija konvenuta għaliex huwa ressaq numru ta' eċċezzjonijiet fil-mertu sabiex jiċħad dak li qiegħed jiġi mixli fil-konfront tiegħu. Jiġi b'hekk, li Edoardo Pagani ma ġarrab l-ebda preġudizzju b'konsegwenza tan-nuqqasijiet li huwa jgħid li l-kontro-talba hija milquta bihom għaliex huwa ma sab l-ebda xkiel biex iressaq id-difiża tiegħu. Fid-dawl ta' dan, anke din it-tieni eċċezzjoni ta' Edoardo Pagani qiegħda tiġi miċħuda;

40. Fit-**<u>tielet eċċezzjoni</u>** tiegħu għall-kontro-talba tal-kumpannija konvenuta, Edoardo Pagani saħaq li din kellha tressaq prova li Louai Al Twal huwa awtorizzat biex jidher f'isimha fuq l-atti ġudizzjarju;

41. Minn qari tal-atti jirriżulta li l-provi li ġew imressqa fuq din l-eċċezzjoni huma pjuttost xotti. Madankollu, il-qorti jirriżultalha li fl-affidavit tiegħu, Louai Al Twal xehed li huwa kien imexxi t-tim legali tal-kumpannija konvenuta, kien konsulent tagħha u kien ukoll rappreżentant tagħha (ara l-affidavit tiegħu f'paġna 337 tal-atti tal-kawża). Għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, Edoardo Pagani jisħaq li ma saret l-ebda prova li Louai Al Twal kien awtorizzat biex jidher għall-kumpannija konvenuta, il-qorti tinnota li fir-raba' permessa tar-rikors maħluf tiegħu, kien huwa stess li għaraf li Louai Al Twal kien rappreżentant tal-kumpannija konvenuta (ara paġna 2 tal-atti tal-kawża);

42. Fuq kollox, il-qorti tqis li l-liġi tippermetti kumpannija li għandha personalità ġuridika tagħha li tħarrek u tiġi mħarrka f'isimha stess, mingħajr il-ħtieġa li jiġi msemmi r-rappreżentant ġudizzjarju tagħha (ara ***Prof. Ian Refalo nomine v. Mauro Bonello nomine***, Appell Superjuri, 16 ta' Ġunju, 1997 u ***John Bonello noe v. John Ripard noe et***, Appell Superjuri, 11 ta' Novembru, 2011). Huwa miżmum ukoll illi kumpannija tista' taħtar kull persuna biex tirrappreżentaha fl-atti ġudizzjarji u m'hemmx bżonn li din il-persuna tkun registrata bħala rappreżentanta tagħha mar-reġistratur tal-kumpanniji (ara ***Joseph Borġ nomine v. Accountant General et***, Appell Ċivili, 16 ta' Frar 1993 u ***Said International Limited v. MAC Limited et***, Appell Ċivili, 7 ta' Lulju, 2003). Fid-dawl ta' dan kollu, din il-qorti ma tħossx li hija għandha tqatta' wisq ħin fuq din l-eċċezzjoni. Wara kollox, l-atti tal-kawża jindikaw li Louai Al Twal tassew kien rappreżentant tal-kumpannija konvenuta meta din ressqet il-kontro-talba tagħha. Għalhekk, din l-eċċezzjoni ta' Edoardo Pagani qiegħda tiġi miċħuda wkoll;

43. Darba li ġew indirizzati l-eċċezzjonijiet preliminari kollha li tressqu f'din il-kawża l-qorti tista' tgħaddi biex tqis dak li huwa l-qofol tal-kawża. Il-kawża ta' Edoardo Pagani tmiss kemm ma' responsabbiltà ta' natura delittwali minħabba l-allegat aġir tal-konvenuti li

wassal biex l-attur iġarrab id-danni, u kif ukoll ma' ksur tal-obbligi kuntrattwali min-naħa tal-konvenuti għaliex skont l-attur il-kumpannija konvenuta naqset milli tħallsu pagi u benefiċċji li kienu dovuti lilu u minbarra dan, hija naqset ukoll milli tkoprih b'polza ta' assikurazzjoni għal saħħtu, hekk kif kienet ntrabtet miegħu;

44. Dan ma joħloqx xkiel għall-eżami li trid tagħmel din il-qorti għaliex il-ħtija, meta tiġi meqjusa fl-entità tagħha, hija waħda, u taħt dan l-aspett m'hemmx distinzjoni bejn ħtija kuntrattwali u dik akwiljana, li titnissel minn delitt jew kważi-delitt. Il-fattur li jsejjes il-ħtija akwiljana huwa dak li l-persuna hija marbuta li, f'għemilha, ma toħloqx ħsara jew dannu lil ħaddieħor taħt il-prinċipju tad-dmir ġenerali tad-diliġenza (*neminem laedere)*. Min-naħa l-oħra, il-ħtija mnissla mir-rabta kuntrattwali tissejjes fuq l-obbligazzjoni li l-parti fil-kuntratt għandha d-dmir li twettaq dak li għalih intrabtet mal-parti l-oħra. Fil-fatt, jista' jagħti l-każ li fatt wieħed jista' jagħti lok kemm għal azzjoni ta' danni akwiljani, u kif ukoll għad-danni kuntrattwali, Fil-ħtija kuntrattwali, wieħed jista' jirrispondi għal ħtija ħafifa skont il-każ, filwaqt li fil-ħtija akwiljana r-responsabbiltà tinfirex b'tali mod li dwarha ma hemmx grad. Għalhekk, ir-responsabbiltà tal-kumpannija konvenuta tista' tiġi mistħarrġa kemm minn aspett kuntrattwali u kif ukoll minn dak delittwali (ara ***Mary Vassallo v. Giovanni Mizzi et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 ta' April, 1949 u ***Mediterranean Trading Shipping Company Limited et v. Tristar Freight Services Limited***, Appell Superjuri, 26 ta' Jannar, 2018);

45. Mill-banda l-oħra, il-kontro-talba tal-kumpannija Sadeen Education Investment Limited hija mibnija fuq ħtija kuntrattwali għaliex fiha hija tisħaq li Edoardo Pagani ma wettaqx l-impjieg tiegħu bil-galbu u bl-għaqal, tant li skontha huwa kiser l-obbligi li kien intrabat bihom fil-kuntratt tal-impjieg tiegħu. Skont il-kumpannija konvenuta, din l-imġiba tal-attur Edoardo Pagani matul it-twettiq tax-xogħlu, ikkawżatilha d-danni;

46. Il-qorti sejra tibda billi tistħarreġ l-allegazzjonijiet ta' Edoardo Pagani li l-konvenuti kkawżawlu danni bl-għemejjel tagħhom. Huwa prinċipju stabbilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha (ara l-**artikolu 1031 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**), u li

jitqies fi ħtija kull min, f'għemilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' ġenitur tajjeb tal-familja (ara l-**artikolu 1032 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk (ara l-**artikolu 1033 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenza ***Grace Borġ et pro et noe v. Public Broadcasting Services Limited et***, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2019);

47. Huwa prinċipju stabbilit ukoll illi kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dak l-użu (ara l-**artikolu 1030 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, ikun jeħtieġ li hija tipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbiltà ta' dak l-għemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni (ara ***Ġovanni Vella et v. Michael Ċilia***, Appell Inferjuri, 23 ta' Ġunju, 2004). Fil-każ tal-lum, fir-rigward tal-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-konvenuti huwa meħtieġ li jintwera li l-attur Edoardo Pagani ġarrab il-ħsarat li minnhom jilmenta u kif ukoll li dik il-ħsara ġrat bi ħtija tal-istess konvenuti;

48. Min-naħa tiegħu, Edoardo Pagani jilmenta li huwa ġarrab danni, fosthom dawk morali, minħabba t-twissijiet li ħarġulu l-konvenuti. Għalhekk, il-qorti jeħtiġilha tisħarreġ jekk dawn it-**<u>twissijiet</u>** kinux mistħoqqa jew inkella jekk dawn inħarġux mill-konvenuti b'mod abbużiv u qarrieqi, hekk kif jgħid Edoardo Pagani;

49. Dwar il-materja tat-twissijiet il-qorti sejra tislet numru ta' prinċipji miġbura mill-awtur **Norman Selwyn** fl-opra tiegħu ***Law of Employment*** (15-il edizzjoni, *Oxford University Press*, 2008), li ġew riprodotti fis-sentenza ***Paul Axisa v. The General Soft Drinks Company Limited***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-2 ta' Ottubru, 2009. F'dik is-sentenza ngħad li:

> *«1. An employer does not need contractual power to issue warnings, but frequently this will be the subject of a disciplinary code or part of the works rules.” (para. 12.108);*
>
> *2. Nevertheless, the warning system must be operated sensibly, not merely as a form of mechanized procedure.” (para. 12.109);*
>
> *3. A warning can deal with specific conduct which is the subject of complaint, and it should also deal with general matters, so that the totality of the employee’s conduct can eventually be taken into account.” (para. 12.110);*
>
> *4. It is for the employer to determine the nature of the disciplinary sanction, and, generally speaking, an employment tribunal should not attempt to assess whether or not a final warning should or should not have been given.” (para. 12.112);*
>
> *5. The warning should refer to the past conduct which is the subject of complaint, and to future conduct.” (para. 12.115);*
>
> *6. It must be stressed that there is no rule of law which requires warnings to be given in all cases; it is merely a rule of good industrial practice. Warnings are matter of substance not procedure (“**James -vs- Waltham Holy Cross UDC**”). (para. 12.119)»*

50. Fl-istess ktieb ingħad ukoll li: *«Whether a warning should have been given will depend on all the circumstances of the case, including its effectiveness, and the alternative course which may have been available or adopted ... There should be no need to give a warning to a highly paid and qualified employee that he will be dismissed if there is dissatisfaction with his work, for he should know this. Nor is there a need to give an educated person in a responsible position a warning that he must co-operate with his head of department (“**Farnborough -vs- Governors of Edinburgh College of Art**”)»* (ara ***John Cutajar v. Allegro Andante Limited***, Appell Inferjuri, 2 ta’ Ottubru, 2009);

51. Għalhekk biex tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar jekk it-twissijiet inkwistjoni kinux mistħoqqa jew le, il-qorti trid tħaddem il-prinċipji hawn fuq imsemmija għall-fatti li jsawru dan il-każ;

52. Mill-provi jirriżulta li Edoardo Pagani ġie impjegat mal-kumpannija konvenuta fl-1 ta' Settembru, 2016 bħala *Deputy Project Manager* għall-Proġett tal-Università Amerikana ta' Malta (ara l-kuntratt f'paġni 221 sa 235 tal-atti tal-kawża). Wieħed mid-dmirijiet ta' Edoardo Pagani bħala parti mit-tmexxija tal-proġett kien li jindokra x-xogħlijiet ta' bini tal-proġett, *«to guarantee good-quality implementation of the construction project with optimal costs pursuant to the contract agreement, technical standards and norms»* u *«[to follow] the progress of the works at the site according to the contract agreement and [inform] the employer about the problems and changes needed»* (ara *Document A*, mehmuż mal-kuntratt ta' impjieg ta' Edoardo Pagani f'paġna 228 tal-atti tal-kawża). Ingħad ukoll fid-dokument li ġie mehmuż mal-kuntratt tal-impjieg tal-attur li *«the basis and input of the project management and provision of the owner supervision is the contract agreement for the supply of services concluded with the client»* u li *«the project manager is responsible for the successful, corresponding to the contract agreement and budget, implementation of the project from the very beginning to the very end»*;

53. Minkejja li l-attur jgħid mod ieħor, fil-fehma tal-qorti dan il-kuntratt huwa ċar, u jgħid iswed fuq l-abjad li Edoardo Pagani kellu l-irwol: (i) li jindokra x-xogħlijiet li kellhom isiru biex jitwettaq il-proġett tal-kumpannija konvenuta; (ii) li jiżgura li jsir xogħol tajjeb bl-aħjar prezzijiet possibbli; u (iii) li jgħarraf lil min kien qiegħed iħaddmu bil-problemi li jinqalgħu u bit-tibdiliet li kienu meħtieġa. Fi kliem sempliċi, l-attur kien responsabbli mit-twettiq tal-proġett mill-bidu sal-aħħar. Huwa ta' xejn li l-attur jinsisti bil-ħrara li huwa ma kellux il-funzjoni li jissorvelja x-xogħlijiet għaliex il-kuntratt tal-impjieg tiegħu jgħid mod ieħor;

54. Ġara issa li waqt li kien għaddej il-proġett, il-kumpannija konvenuta ħasset il-ħtieġa li jkollha aktar nies fuq is-sit biex jindokraw ix-xogħlijiet u għalhekk fl-1 ta' April, 2017, il-kumpannija konvenuta ħatret lill-inġinier Raied Ebaid bħala *Project Manager* tal-proġett, li wasal Malta għall-bidu ta' Mejju 2017;

55. Hekk kif beda jaħdem fuq is-sit, l-inġinier Ebaid induna mill-ewwel li ċerti xogħlijiet ma kinux saru skont is-sengħa u l-arti u li ċerti xogħlijiet kienu ta' kwalità inferjuri. Għalhekk, fis-6 ta' Mejju 2017, huwa bagħat ittra elettronika lit-tmexxija tal-kumpannija fejn infurmahom b'dawn il-problemi (ara paġna 237 tal-atti tal-kawża). Dawn il-problemi ġew imqajma kemm ma' Eduardo Pagani u kif ukoll ma' Edwin Mintoff Architects, li kienu l-konsulenti tal-kumpannija konvenuta dwar il-proġett;

56. Aktar tard, il-konvenut Ebaid intebaħ li kien hemm nuqqasijiet oħra fosthom li ma kienet saret l-ebda protezzjoni fuq ix-xogħlijiet tal-konkos hekk kif kien ġie speċifikat f'paragrafu 12.03 tal-kuntratt li sar bejn il-kumpannija konvenuta u l-kuntrattur li kien qiegħed iwettaq ix-xogħlijiet; u li x-xogħlijiet tal-konkos li kienu saru fis-saqaf tas-sular intermedjarju kienu saru mingħajr xibka. Għalhekk, b'ittra elettronika tat-8 ta' Mejju, 2017 huwa għarraf lil Dr Ahmed Salah, li kien il-kap tat-taqsima tal-inġinerija tal-kumpannija konvenuta, b'dak kollu li kien sab (ara l-ittra elettronika f'paġna 247 tal-atti tal-kawża);

57. Minbarra dan, il-konvenut Ebaid irriżultalu wkoll li minkejja li x-xibka hawn fuq imsemmija ma kinitx saret, Edoardo Pagani kien approva l-ħlas lill-kuntrattur għal din ix-xibka (ara d-dokumenti misjuba f'paġni 250 sa 260 tal-atti tal-kawża u l-*interim payment certificate* approvat u ffirmat minn Edoardo Pagani f'paġna 418 tal-atti tal-kawża);

58. Din is-sejba ta' Raied Ebaid ġiet ikkomunikata mat-tmexxija tal-kumpannija b'ittra elettronika tat-8 ta' Mejju, 2017 (ara paġna 266 tal-atti tal-kawża). F'dak l-istadju l-konvenut Raied Ebaid ordna lil Edoardo Pagani sabiex jitolbu l-approvazzjoni tiegħu qabel ma jibgħat xi *payment certificate* ieħor fil-futur (ara l-korrispondenza f'paġna 269 tal-atti tal-kawża);

59. It-tmexxija tal-kumpannija dehrilha li dan kollu ma kienx aċċettabbli u għalhekk ordnat lill-konvenut Ebaid biex joħroġ twissijiet lill-konsulent tal-kumpannija, lill-kuntrattur u lil Edoardo Pagani (ara l-ittra elettronika tal-11 ta' Mejju, 2017 f'paġna 273 tal-atti tal-

kawża). Dawn it-twissijiet intbagħtu fit-13 u fil-15 ta' Mejju, 2017 (ara t-twissijiet f'paġni 276, 279 u 280 tal-atti tal-kawża);

60. Fit-twissija li ntbagħtet lil Edoardo Pagani, dan ġie mwiddeb dwar il-ħlas li kien approva għax-xibka li ma kinitx saret mill-kuntrattur. Huwa ġie mixli li huwa ma kienx qagħad attent li jara liema xogħlijiet kienu twettqu u liema ma kinux, u li bl-approvazzjoni tiegħu għal dan il-ħlas, huwa kien sejjer idaħħal lill-kumpannija konvenuta f'aktar spejjeż u b'hekk mexa kontra l-interessi tal-kumpannija. Għalhekk, huwa kien qiegħed jingħata din it-twissja biex 'il quddiem huwa joqgħod aktar attent u jwettaq xogħlu aħjar;

61. Għalkemm fir-risposta tiegħu għal din it-twissija, Edoardo Pagni insista li x-xibka inkwistjoni ma kinitx ġiet inkluża fid-disinni li kienet approvat il-kumpannija konvenuta, madankollu din il-qorti jirriżultalha li skont il-kuntratt tat-3 ta' Diċembru, 2016, li ġie ffirmat bejn il-kumpannija konvenuta u l-kuntrattur Tal-Magħtab Construction Company Limited (ara l-kuntratt paġni 285 sa 298 tal-atti tal-kawża), il-*Bill of Quantities* li huma mehmuża mal-kuntratt kellhom jieħdu preċedenza fuq id-disinni u għalhekk l-attur ma setax jgħid li huwa ma kienx jaf bix-xibka. L-attur qal ukoll li huwa kien qagħad fuq il-konsulent tal-kumpannija konvenuta li x-xibka ma kienx hemm aktar ħtieġa għaliha. Madankollu, il-qorti jidhrilha li jekk l-attur kien daqshekk ċert li din ix-xibka ma kellhiex għalfejn issir, huwa ma kienx imissu approva l-ħlas tagħha u kien imissu ġibed l-attenzjoni tat-tmexxija tal-kumpannija dwarha, kif wara kollox kien jitlob il-kuntratt ta' impjieg tiegħu;

62. Minbarra dan, il-kumpannija konvenuta kien irriżultalha wkoll li kien hemm oġġetti oħra mniżżla fil-*Bill of Quantities* li kien sar tibdil fihom mingħajr ma ġiet mgħarrfa dwar dan mill-attur, u dan bi ksur tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu (ara l-korrispondenza misjuba f'paġna 307 tal-atti tal-kawża);

63. Fid-dawl ta' dan fis-17 ta' Mejju, 2017, il-kumpannija konvenuta dehrilha li kellha tissospendi lil Edoardo Pagani minn xogħlu sabiex hija tkun tista' tinvestiga l-għemil tiegħu. Skont il-konvenut Raied Ebaid, ir-reazzjoni ta' Edoardo Pagani xejn ma kienet

waħda tajba, tant li huwa rrifjuta li jiffirma n-notifika ta' sospensjoni qabel ikellem avukat u beda jiġbor l-affarijiet tiegħu mill-uffiċċju daqslikieku huwa kien sejjer iħalli l-impjieg tiegħu;

64. Fit-22 ta' Mejju, 2017, l-investigazzjoni tal-kumpannija ġiet fi tmiemha. Il-kumitat tal-investigazzjoni kkonferma li l-attur kien negliġenti f'xogħlu meta naqas milli jagħraf li l-kumpannija konvenuta kienet qiegħda tiġi mitluba tħallas għax-xibka li ma kinitx saret u meta ħalla lill-kuntrattur jagħmel tibdil fix-xogħlijiet mingħajr ma għarraf lit-tmexxija tal-kumpannija. Skont dan il-kumitat, l-aġir tal-attur wassal biex il-kumpannija konvenuta tidħol fi spejjeż aktar milli kien imiss. Għalhekk, dakinhar it-tmexxija tal-kumpannija konvenuta bagħtet lill-attur twissija tal-aħħar, bit-tama li huwa ma jirrepetix l-għemil tiegħu u jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu fuq ix-xogħol. Barra minn hekk, hija talbitu biex jerġa' jidħol lura għax-xogħol mill-għada u biex jimxi fuq l-istruzzjonijiet tal-konvenut Ebaid (ara t-twissija finali f'paġni 318 u 319 tal-atti tal-kawża);

65. Meqjus dan kollu, il-qorti issib li kuntrarjament għall-istampa li jipprova jpinġi Edoardo Pagani, il-konvenuti ma ħarġux it-twissijiet inkwistjoni sabiex jagħmlu kruċjata kontrih. Li kieku kien kif qiegħed jgħid l-attur, il-kumpannija konvenuta kienet toħroġ it-twissijiet kontrih biss u ma kinitx toħroġhom ukoll kontra l-konsulent tagħha u l-kuntrattur. Hekk ukoll, il-kumpannija konvenuta ma qabditx u keċċietu meta hija skopriet bin-nuqqasijiet tiegħu iżda minflok hija tatu ċ-ċans li jagħti l-ispjegazzjoni tiegħu u saħansitra ħatret kumitat biex jinvestiga l-għemil tiegħu;

66. Wara kollox, mill-atti jirriżulta ċar li l-konvenuti kellhom raġunijiet tajbin biex joħorġu t-twissijiet inkwistjoni lil Edoardo Pagani għaliex huwa kien negliġenti f'xogħlu u naqas li jħares id-doveri tiegħu skont il-kuntratt tal-impjieg tiegħu. Dan wassal biex huwa, anke jekk mhux intenzjonalment, spiċċa biex ħadem kontra l-interessi tal-kumpannija konvenuta li kienet qiegħda timpjegah u għalhekk kiser il-klawsola 3.3 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu;

67. Il-qorti jidhrilha li l-kumpannija konvenuta m'għamlet xejn ħażin billi hija ħarġet dawn it-twissijiet. Fuq kollox, huwa fid-dmir ta' min iħaddem li jżomm il-kontabbiltà fl-impjegati tiegħu u li jikkoreġihom jekk huma jkunu naqsu fid-doveri tagħhom. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, it-twissijiet tal-konvenuti la kienu azzardati u lanqas kienu eċċessivi. Huwa ċar mit-twissija finali li ngħatat lill-attur, li l-għan tal-kumpannija konvenuta kien biss li ċċanfru għan-nuqqasijiet tiegħu u tħeġġu biex itejjeb il-prestazzjoni tiegħu fuq il-lant tax-xogħol. Li kieku ma kienx hekk, hija ma kinitx sejra titolbu biex jerġa' jidħol lura għax-xogħol mill-għada;

68. Għalkemm mill-atti jirriżulta li l-attur waqa' f'dipressjoni minħabba t-twissijiet li kien ingħata u minħabba dak kollu li kien għaddej minnu fuq ix-xogħol (ara x-xiehda tal-psikjatra Dr Ethel Feliċe f'paġni 188 sa 190 tal-atti tal-kawża u f'paġni 330 sa 332 tal-atti tal-kawża), ladarba t-twissijiet inkwistjoni kienu ġustifikati, huwa ma jistax jitfa t-tort fuq il-konvenuti għal dak li ġralu u għall-mard li ġarrab. Dan għaliex kien huwa stess li ġab din is-sitwazzjoni fuqu. Tassew, fl-għoti tat-twissijiet lill-attur, il-konvenuti kienu qegħdin jagħmlu użu minn jedd tagħhom fil-qies li jmiss skont ma jgħid l-**artikolu 1030 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, u għalhekk huma ma jwieġbux għall-ħsara li ġarrab l-attur;

69. Din il-qorti hija tal-fehma li l-mod kif imxew il-konvenuti fil-konfront tal-attur ma jistax jitqies li kien wieħed kapriċċuż jew maħsub li jġiblu ħsara. Huwa minnu li t-twissijiet u s-sospensjoni maħruġa kontrih setgħu ġabu fuq l-attur ċertu skumdità u nisslu fih dwejjaq kbar, imma b'daqshekk dan ma jfissirx li l-konvenuti għandhom jaħtu għal dawn l-effetti psikoloġiċi;

70. Huwa prinċipju aċċettat fil-qasam tal-ħtija akwiljana li mhux kull ħsara li sseħħ bl-għemil ta' persuna tagħti lill-persuna mġarrba r-rimedju tar-risarċiment tad-danni. Fuq is-saħħa tal-massima *qui suo jure utitur neminem laedere videtur*, ikun jeħtieġ li l-parti mġarrba turi b'aktar qawwa li l-ħsara minnha mġarrba minħabba l-għemil ta' min kien qed jinqeda minn dritt tiegħu kienet ħsara li jistħoqqilha tingħata kumpens u f'kull każ trid turi li l-ħsieb tal-persuna l-oħra kien li jmexxi b'mod abbużiv u

vessatorju (ara ***Joseph John Grech v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Marzu, 2016 fejn ir-rikorrent kien qiegħed jitlob li jiħallas għad-danni li ġarrab għaliex kien ġie sospiż minn fuq il-post tax-xogħol tiegħu);

71. F'dan il-każ il-qorti tqis li l-attur ma seħħlux juri li l-konvenuti mxew ħażin miegħu meta ħarġulu dawn it-twissijiet u anke ssospendewh għal ftit jiem sakemm ġie eżaminat il-każ tiegħu. Ikun għalhekk tabilħaqq barra minn postu li l-effetti psikoloġiċi li għadda minnhom l-attur jitqiegħdu f'ħoġor il-konvenuti;

72. Terġà u tgħid, kull min jallega li jkun ġarrab diżabilità psikika, irid jipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli, kemm li dik id-diżabilità tkun direttament ikkawżata mill-inċident li għalih ikun responsabbli l-konvenut u kif ukoll li dik id-diżabilità tkun waħda permanenti (ara ***Dr. Wilfred Galea et v. Violet Debone et***, Appell Superjuri, 27 ta' Jannar, 2006);

73. F'dan il-każ din il-qorti ma tressqitilha l-ebda prova li l-mard psikoloġiku li ġarrab l-attur kien wieħed permanenti. Anzi, fis-27 ta' Awwissu, 2017, huwa ġie ċertifikat li fit-2 ta' Settembru, 2017 kien f'kundizzjoni tajba biżżejjed biex jerġa' jidħol lura għax-xogħol. Għaldaqstant, la l-ebda waħda miż-żewġ elementi hawn fuq imsemmija ma ġiet ippruvata mill-attur, din il-qorti ma tistax tilqa' t-talbiet tiegħu biex huwa jiġi mħallas għad-dannu psikoloġiku li huwa jgħid li ġarrab. Għall-istess raġunijiet din il-qorti lanqas ma hi serja tilqa' t-talbiet tiegħu biex jitħallas danni morali. Wara kollox, dawn tal-aħħar jistgħu jintalbu biss fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, liema ċirkostanżi ma jirriżultawx fil-każ tagħna;

74. Mill-banda l-oħra, il-qorti sejra tilqa' l-ewwel talba tal-kumpannija konvenuta u tiddikjara li Edoardo Pagani kien negliġenti fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu skont il-kuntratt ta' impieg tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu, 2016, filwaqt li tilqa' limitatment ir-rabà talba tagħha u tiddikjara li Edoardo Pagani naqas milli jaqdi l-obbligazzjoni kuntrattwali msemmija fil-klawsola 3.3 tal-kuntratt ta' impieg tiegħu għaliex huwa wettaq xogħlu b'tali mod li jmur kontra l-interessi tal-kumpannija konvenuta li kienet qiegħda tħaddmu.

Fuq ix-xaqliba l-oħra, it-talba tal-kumpannija konvenuta sabiex hija tikseb dikjarazzjoni li l-attur kiser il-kawsola 1.8 tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu qiegħda tiġi miċħuda għaliex din il-qorti ma jirriżultalhiex li waqt it-twettiq ta' dmirijietu Edoardo Pagani għamel xi stqarrijiet foloz dwar il-kumpannija konvenuta;

75. Imiss issa li l-qorti tistħarreġ jekk il-kumpannija konvenuta kisritx l-obbligi kuntrattwali tagħha meta hija naqset li tkopri lill-attur **<u>b'polza ta' assikurazzjoni għal saħħtu</u>**, hekk kif kienet intrabtet fil-klawsola numru 4 tal-kuntratt tas-6 ta' Frar, 2017, fejn l-impjieg tal-attur kien ġie mtawwal b'sitt xhur oħra;

76. Din il-klawsola taqra hekk: *«The Employee shall also be entitled to benefit from health insurance coverage in line with the Employer's internal policies in this regards* [sic]»;

77. Min-naħa tagħha l-kumpannija konvenuta tisħaq li sakemm dam impjegat magħha l-attur, hija ma kellha l-ebda politika interna li tipprovdi għal polza ta' assikurazzjoni tal-impjegati tagħha, u għalhekk ma kien hemm l-ebda ksur ta' din il-klawsola min-naħa tagħha. Skont Louai Al Twal, sakemm Edoardo Pagani kien għadu impjegat tal-kumpannija konvenuta, din tal-aħħar kienet għadha fil-proċess li tinnegozja polza ta' assikurazzjoni għas-saħħa għall-impjegati kollha tagħha ma' Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited (ara l-affidavit tiegħu f'paġna 344 tal-atti tal-kawża u l-korrispondenza elettronika f'paġna 133 tal-atti tal-kawża);

78. Il-qorti tqis li l-kuntratti għandhom jiġu mwettqa b'rieda tajba, u jobbligaw lill-partijiet mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi (ara l-**artikolu 993 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**);

79. Il-kumpannija konvenuta ma tistax tinħeba wara subgħajha billi tisħaq li sakemm dam impjegat magħha l-attur, hija ma kinitx fasslet politika interna li tipprovdi għal polza ta' assikurazzjoni tal-impjegati tagħha u li fl-istess żmien hija kienet għadha ma kisbitx polza ta' dan it-tip għall-impjegati tagħha. Id-difiża tal-kumpannija konvenuta għal dan l-

ilment tal-attur hija waħda x'aktarx fiergħa. Dan għaliex bil-wegħda li għamlet fil-kuntratt tas-6 ta' Frar, 2017, il-kumpannija konvenuta ħolqot fl-attur stennija leġittima li huwa kien sejjer ikollu polza ta' assigurazzjoni għal saħħtu sakemm idum impjegat magħha;

80. Issa jekk il-kumpannija konvenuta kienet traskurata jew saħansitra daħlet għal din l-obbligazzjoni b'intenzjonijiet ħżiena, u għażlet li ma twettaqx din il-politika interna, hija ma tistax tinqeda bin-nuqqasijiet tagħha biex tinħeles mill-obbligi kuntrattwali tagħha, bi ħsara għall-attur (ara f'dan is-sens ***George Vella et v. Simone sive Xmun Azzopardi et***, Appell Superjuri, 6 ta' Ottubru, 2020). Il-*bona fides* hija tabilħaqq rabta fuq iż-żewġ partijiet, u jekk jinħolqu aspettativi leġittimi dawn għandhom jitħarsu. Ma tistax għalhekk il-kumpannija konvenuta b'serjetà tippretendi li din il-qorti għandha tħollha mir-rabta kuntrattwali li daħlet fiha meta ntrabtet li tipprovdi polza ta' assikurazzjoni medika lill-attur, għar-raġuni biss li hija ma kellhiex waħda fis-seħħ. Jekk ma kellhiex polza fis-seħħ, il-kumpannija konvenuta messha ma offriet xejn lill-attur fil-kuntratt li ffirmat miegħu. La offriet polza ta' assikurazzjoni medika fil-kuntratt, il-kumpannija konvenuta trid tagħmel tajjeb għaliha. Kif kienu jgħidu r-Rumani: *pacta sunt servanda* (il-ftehim għandu jiġi mħares); jew kif jgħid il-Malti b'mod aktar espressiv: la krejtha trid toqgħod għaliha;

81. Għalhekk it-talba tal-attur għal dikjarazzjoni li l-kumpannija konvenuta naqset mill-obbligi tagħha meta hija ma kopritux b'polza ta' assikurazzjoni għal saħħtu sejra tintlaqa'. Minħabba l-istess raġunijiet qegħdin jiġu miċħuda d-disa' eċċezzjoni u t-tielet parti tal-għaxar eċċezzjoni tal-kumpannija konvenuta;

82. Issa minħabba dan in-nuqqas tal-kumpannija konvenuta, l-attur jgħid li huwa kellu jonfoq xi flejjes biex iżur psikjatra u jixtri l-mediċini għall-marda li kellu. Biex isostni din in-nefqa l-attur ippreżenta ħames irċevuti ta' €55 kull waħda, maħruġa mill-psikjatra tiegħu Dr Ethel Feliċe, li min-naħa tagħha kkonfermat li hija kienet invistatu fil-ġranet indikati fl-irċevuti (ara l-irċevuti f'paġni 163 u 164 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Dr Ethel Feliċe f'paġna 189 tal-atti tal-kawża);

83. Għaldaqstant, il-qorti qiegħda tilqa' t-tmien talba tal-attur, tillikwida l-ammont li huwa nefaq biex jattendi għal visti għand il-psikjatra fl-ammont ta' **<u>€275</u>**, u tordna lill-kumpannija konvenuta tħallsu dan l-ammont;

84. Imiss issa li l-qorti tqis t-talbiet tal-attur Edoardo Pagani sabiex huwa jiġi mħallas **<u>pagi u benefiċċji oħra</u>** li skontu l-kumpannija konvenuta naqqset milli tħallsu. Min-naħa tagħha l-kumpannija konvenuta tiċħad dan kollu u tgħid li hija ħallsitu kulma kien dovut lilu;

85. Dwar il-pagi, matul is-smigħ tal-kawża ġie mħarrek biex jixhed Donald Schembri, li huwa d-Direttur ta' RSM, li kienet tieħu ħsieb il-pagi tal-kumpannija konvenuta (ara x-xiehda tiegħu f'paġni 567 sa 572 tal-atti tal-kawża);

86. Dan spjega li għax-xahar ta' Mejju 2017, il-paga u l-benefiċċji kollha tal-attur kienu nħaddmu *pro rata* skont il-ġranet li fihom l-attur kien dam sospiż. Għax-xahar ta' Ġunju 2017, l-attur tħallas is-*sick leave* kollu, jiġifieri għaxart ijiem bil-paga sħiħa u għaxart ijiem oħra b'nofs il-paga. Għax-xahar ta' Lulju 2017, l-attur ma tħallas l-ebda paga għaliex huwa kien għadu bis-*sick leave*, mentri mbagħad għax-xahar ta' Awwissu 2017 huwa ġie mħallas tal-*leave* kollu li kien baqa' ma ħax;

87. F'dan ir-rigward, il-qorti ma hija qiegħda tara l-ebda żball fil-ħidma tal-pagi. Wara kollox, it-tnaqqis fil-paga tal-attur huwa ġustifikat safejn dan jirrigwarda l-ġranet li fihom kien sospiż u li fihom kien spiċċalu l-intitolament tiegħu għas-*sick leave*. Terġa' u tgħid, skont ix-xhud, l-attur Edoardo Pagani kien spiċċa biex tħallas aktar milli kien imissu f'paġi u benefiċċji;

88. Madankollu, mix-xiehda ta' Donald Schembri jidher li minn Marzu 2017 sa meta ġie sospiż f'Mejju 2017, l-attur irċieva €800, flok €900 bħala benefiċċju għall-akkomodazzjoni skont ma kien jgħid il-kuntratt tal-impjieg tiegħu tas-6 ta' Frar, 2017.

Jiġi b'hekk, li f'Marzu u April 2017, l-attur ġie mħallas €100 inqas kull xahar f'benefiċċju għall-akkomodazzjoni, b'dana li għal dawn ix-xahrejn l-attur irid jitħallas €200;

89. Imbagħad f'Mejju 2017, l-attur ġie sospiż. Jekk wieħed iqis li fix-xahar ta' Mejju, 2017 kien hemm tlieta u għoxrin ġurnata tax-xogħol u l-attur ħadem biss sittax-il jum, l-intitolament tiegħu għall-benefiċċju, maħdum *pro rata,* suppost kellu jkun dak ta' €626.07 [€900/23x16] (ara l-kalkolu użat f'paġna 370 tal-atti tal-kawża). Iżda, minflok dan l-ammont, għax-xahar ta' Mejju 2017 l-attur ġie mħallas €556.48. Għalhekk hija dovuta lilu d-differenza bejn l-ammont li rċieva u l-ammont li kien intitolat għalih, jiġifieri dak ta' €69.59;

90. Għaldaqstant, il-qorti sejra tilqa' limitatament it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet tal-attur billi tiddikjara li l-kumpannija konvenuta għandha tħallas lill-attur l-ammont ta' **€269.59** (€200 + €69.59) f'benefiċċju għall-akkomodazzjoni bejn ix-xhur ta' Marzu u Mejju 2017. Għall-istess raġunijiet il-qorti qiegħda tiċħad f'dan is-sens it-tmien eċċezzjoni u t-tieni parti tal-għaxar eċċezzjoni tal-kumpannija konvenuta;

91. Jifdal biss li l-qorti tqis it-talbiet tal-kumpannija konvenuta sabiex jiġu likwidati d-danni li hija tgħid li ġarrbet minħabba **n-negliġenza tal-attur Edoardo Pagani** f'xogħlu u minħabba l-ksur tal-obbligi kuntrattwali tiegħu;

92. Meta parti f'kuntratt tkun naqset li twettaq dak li tkun intrabtet bih, hija trid tħallas lill-parti l-oħra d-danni. Hawhekk jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 1125** u **1135 tal-Kodiċi Ċivili**, li lkoll jitqiesu bħala l-effetti "sekondarji" tal-obbligazzjoni;

93. Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra. Id-danni m'għandhomx ikunu għodda ta' piena kontra dik il-parti li tkun naqset fl-obbligi tagħha u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti l-oħra (ara ***Anthony Richard Calleja noe v. Joseph Mamo pro et noe***, Appell Kummerċjali, 15

ta' Diċembru, 1952 u ***Accountant General et v. C.T. Enterprises Company Limited***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 29 ta' Settembru, 2011);

94. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, isir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra, irid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas (ara ***Joseph Dalli et v. Mediterranean Film Studios Ltd***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 23 ta' April, 2010), filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar (ara ***John Xuereb v. James Edward Livick***, Appell Inferjuri, 3 ta' Novembru, 1956);

95. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-kumpannija konvenuta ftit li xejn tat prijorità lill-kontro-talba li hija għamlet kontra l-attur. Kemm hu hekk, hija ma fissritx x'kienu dawn d-danni li hija ġarrbet minħabba l-aġir tal-attur Edoardo Pagani iżda talbet lill-qorti biex tillikwidahom *arbitrio boni viri*;

96. F'dan ir-rigward tajjeb li jiġi mfakkar illi huwa prinċipju fundamentali tal-proċedura ċivili li l-piż tal-prova huwa mitfugħ fuq spallejn ta' min jallega. Dan tal-aħħar ikun obbligat ukoll li jressaq l-aqwa prova. Wara kollox il-ġurisprudenza taqbel illi d-dikjarazzjoni ġenerali tad-danni mhijiex prova tal-eżistenza tagħhom, imma tfisser biss li l-konvenut hu responsabbli għad-danni jekk ikun hemm dawn id-danni (ara fost oħrajn, is-sentenza fl-ismijiet ***Kurunell Stephen Borg nomine et v. Joseph Schembri***, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 28 ta' Jannar, 1965);

97. F'dan il-każ il-qorti mhijiex f'pożizzjoni li tillikwida danni *arbitrio boni viri* għaliex l-allegazzjoni tal-kumpannija konvenuta li hija ġarrbet danni hija nieqsa milli provi fattwali li teħtieġ il-qorti biex tkun tista' tasal għal ammont *arbitrio boni viri*. Għalkemm il-qorti tifhem li l-kumpannija konvenuta setgħet daħlet f'xi spejjeż żejda waqt it-twettiq tal-proġett tal-Università Amerikana ta' Malta minħabba n-negliġenza tal-attur Pagani, mill-provi ma jirriżultawx fatti li fuqhom il-qorti tista' tasal għal xi ammont kif mitlub mill-

kumpannija konvenuta (ara f'dan is-sens ***All for Property Limited v. Direttur Ġenerali (Dwana)***, Appell Superjuri, 16 ta' Diċembru, 2019);

98. Hawnhekk żgur mhuwiex il-każ li l-qorti għandha tuża s-setgħa diskrezzjonali tagħha sabiex tillikwida somma permezz ta' eżerċizzju ekwitattiv; għaliex huwa miżmum fil-ġurisprudenza tagħna li l-likwidazzjoni ekwitattiva għandha tiġi mħaddma meta mill-provi jkun diffiċli li wieħed jistabbilixxi preċiżament dak li huwa dovut, u mhux meta, bħal f'dan il-każ, ma jkunu tressqu l-ebda provi (ara ***Joseph Mucat et v. Alfred Baldacchino et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 8 ta' Jannar, 2016; ***Peter Axisa nomine v. John Debono***, Appell Superjuri, 30 ta' Settembru, 2016 u ***Jacqueline sive Jacoba Camilleri v. Joseph Camilleri***, Appell Superjuri, 2 ta' Marzu, 2018);

99. Kif intqal fis-sentenza ***Roland Schaffrath v. www. Travel TV p.l.c.*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2001,

> *«f'kull kawża, l-attur irid jipprova l-każ tiegħu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-liġi tal-proċedura u skond il-ħaqq. Attur ma jistax ineħħi minn fuqu dan l-obbligu billi jappella għas-sens ta' ħniena jew dehen arbitrali tal-ġudikant mingħajr ma jagħti ħjiel ta' prova ta' dak li jitlob»;*

100. Din il-qorti lanqas ma tista' tillikwida danni b'rabta mal-pagamenti li l-attur approva b'mod ħażin għal xogħol li rriżulta li ma sarx, għaliex ma jirriżultax mill-atti tal-kawża jekk il-kumpannija konvenuta kinitx effettivament ħallset għal dan ix-xogħol li ma sarx. Għalhekk, meqjus dan kollu, din il-qorti qiegħda tiċħad it-tieni, it-tielet, il-ħames u s-sitt talbiet tal-kumpannija konvenuta sabiex tillikwida u tordna l-ħlas tad-danni li din tgħid li huma dovuti lilha minn Edoardo Pagani;

101. Fl-aħħar nett, dwar l-**ispejjeż ġudizzjarji**, il-qorti tordna li l-ispejjeż tal-konvenut Inġ. Raied Ebaid għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-attur ladarba l-qorti ma sabet l-ebda nuqqas min-naħa tiegħu;

102. Min-naħa l-oħra, dwar il-bqija tal-ispejjeż tal-kawża prinċipali, ladarba ħafna mit-talbiet ta' Edoardo Pagani ġew miċħuda, il-qorti qiegħda tordna li l-ispejjeż marbuta mal-kawża li huwa fetaħ għandhom jitħallsu hekk: kwart (1/4) minn Sadeen Education Investment Limited u tliet kwarti (3/4) minn Edoardo Pagani;

103. Dwar il-kontro-talba li fetħet il-kumpannija konvenuta: għalkemm it-talbiet tagħha biex jiġi dikjarat li Edoardo Pagani kien negliġenti f'xogħlu u li huwa kiser l-obbligi kuntrattwali tiegħu ġew milqugħa, din il-qorti tħoss li l-istess kontro-talba saret għalxejn għaliex il-kumpannija konvenuta baqgħet ma wrietx x'kienu d-danni li hija ġarrbet;

104. Minbarra dan, il-kwistjoni marbuta man-nuqqasijiet kuntrattwali tal-attur kienet ġa tifforma parti mid-difiża li tqajmet fir-risposta maħlufa tagħha għall-kawża prinċipali li fetaħ l-attur u għalhekk din il-kwistjoni ma kellhiex għalfejn tiġi mtennija f'kontro-talba. Ikun xieraq għalhekk li l-ispejjeż marbuta mal-kontro-talba tħallashom kollha l-kumpannija konvenuta;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. __**Tiċħad**__ l-ewwel eċċezzjoni ta' Raied Ebaid biex jiġi meħlus mill-ħarsien tal-ġudizzju;

ii. __**Tiċħad**__ l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' Edoardo Pagani għall-kontro-talba ta' Sadeen Education Investment Limited għaliex m'hemm l-ebda raġuni ta' nullità fil-kontro-talba;

iii. __**Tiċħad**__ l-ewwel, it-tieni, id-disa' u l-għaxar talba ta' Edoardo Pagani għaliex dawn instabu li mhumiex mistħoqqa u __**tilqa'**__ għalhekk l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti Raied Ebaid u Sadeen Education Investment Limited safejn dawn jolqtu dawn it-talbiet;

iv. **<u>Tilqa’</u>** limitatament it-tielet, ir-raba’, il-ħames u s-sitt talbiet ta’ Edoardo Pagani billi ssib li Sadeen Education Investment Limited għandha tħallas lill Edoardo Pagani l-ammont ta’ €269.59 f’benefiċċju għall-akkomodazzjoni u għalhekk **<u>tiċħad</u>** it-tmien eċċezzjoni u t-tieni parti tal-għaxar eċċezzjoni ta’ Sadeen Education Investment Limited safejn dawn imissu mal-benefiċċju għall-akkomodazzjoni;

v. **<u>Tilqa’</u>** s-seba’ u t-tmien talba ta’ Edoardo Pagani u tordna lil Sadeen Education Investment Limited tħallsu l-ammont ta’ €275 għall-ispejjeż li huwa nefaq biex invistatu l-psikjatra tiegħu u għalhekk **<u>tiċħad</u>** id-disa’ eċċezzjoni u t-tielet parti tal-għaxar eċċezzjoni ta’ Sadeen Education Investment Limited għaliex din tabilħaqq naqset fl-obbligu tagħha li tkopri lill-attur b’polza ta’ assikurazzjoni għal saħħtu, hekk kif kienet intrabtet miegħu fil-kuntratt tas-6 ta’ Frar, 2017;

vi. **<u>Tilqa’</u>** l-ħdax-il talba ta’ Edoardo Pagani u tordna lil Sadeen Education Investment Limited tħallsu minnufih is-somma totali, hawn fuq likwidata, ta’ **<u>€544.59</u>**;

vii. **<u>Tilqa’</u>** l-ewwel talba fil-kontro-talba ta’ Sadeen Education Investment Limited u tiddikjara li Edoardo Pagani kien negliġenti fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu skont il-kuntratt ta’ impjieg tal-21 ta’ Awwissu, 2016;

viii. **<u>Tilqa’</u>** limitatament ir-raba’ talba fil-kontro-talba ta’ Sadeen Education Investment Limited u tiddikjara li Edoardo Pagani kiser l-obbligu kuntrattwali tiegħu kif misjub fil-klawsola 3.3 tal-kuntratt ta’ impjieg tal-21 ta’ Awissu, 2016; u

ix. **<u>Tiċħad</u>** il-bqija tat-talbiet fil-kontro-talba ta’ Sadeen Education Investment Limited sabiex tillikwida d-danni mġarrba minnha għaliex dawn baqgħu ma ġewx pruvati;

Fl-aħħar nett, għar-raġunijiet fuq imsemmija l-qorti qiegħda **<u>tordna</u>** li l-ispejjeż marbuta mal-kawża li fetaħ Edoardo Pagani għandhom jitħallsu hekk: l-ispejjeż tal-konvenut Inġ. Raied Ebaid għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-attur, filwaqt li l-ispejjeż bejn l-attur u l-

kumpannija konvenuta għandhom jitħallsu kwart (1/4) minn Sadeen Education Investment Limited u tliet kwarti (3/4) minn Edoardo Pagani;

Min-naħa l-oħra, l-ispejjeż marbuta mal-kontro-talba tal-kumpannija konvenuta għandhom jitħallsu kollha minn Sadeen Education Investment Limited.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**